DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1799

tal-24 ta' Lulju 2026

li tawtorizza metodi ta' gradazzjoni għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali fin-Netherlands u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/303/UE

(notifikata bid-dokument C(2026) 5120)

(It-test bl-Olandiż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 20, l-ewwel paragrafu, il-punti (p) u (t), tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jipprevedi li l-iskali tal-Unjoni għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali jridu japplikaw f'konformità mal-punt B tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament. It-Taqsima B.IV, il-punt 1, tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament jipprevedi li għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali, il-kontenut tal-laħam dgħif irid jiġi vvalutat permezz ta' metodi ta' gradazzjoni awtorizzati mill-Kummissjoni, li jistgħu jiġu awtorizzati biss metodi ta' valutazzjoni ppruvati statistikament ibbażati fuq il-kejl fiżiku ta' waħda jew aktar mill-partijiet anatomiċi tal-karkassa tal-majjal u li l-metodi ta' gradazzjoni huma soġġetti għall-konformità mar-rata ta' tolleranza massima għal żball statistiku fil-valutazzjoni. Dik it-tolleranza hija ddefinita fil-Parti A, il-punt 1, it-tieni paragrafu, tal-Anness V tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1182 ([2]).

(2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/303/UE ([3]) awtorizzat l-użu ta' tliet metodi għall-gradazzjoni tal-karkassi tal-majjali fin-Netherlands.

(3) In-Netherlands talbu lill-Kummissjoni biex tirtira l-awtorizzazzjoni tal-metodi "Hennessy Grading Probe (HGP 7)" u "CSB Image-Meater (CSB)".

(4) In-Netherlands talbu wkoll lill-Kummissjoni biex tawtorizza l-metodi l-ġodda li ġejjin: "AutoFom IV", "CSB Image-Meater 2.0" u "Fat-O-Meater II (FOM II)". Għal dak l-għan, in-Netherlands ippreżentaw deskrizzjoni dettaljata tal-prova tad-dissezzjoni, li tindika l-prinċipji li fuqhom huwa bbażat dan il-metodu l-ġdid, ir-riżultati tal-prova tad-dissezzjoni u l-ekwazzjonijiet użati għall-valutazzjoni tal-perċentwal tal-laħam dgħif fil-protokoll imsemmi fl-Artikolu 11(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/1182.

(5) In-Netherlands talbu wkoll lill-Kummissjoni biex tawtorizza formola aġġornata għall-metodu "Capteur Gras Maigre (CGM)" diġà awtorizzat bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/303/UE għall-gradazzjoni tal-karkassi tal-majjali fit-territorju tagħhom.

(6) L-eżami ta' dawk it-talbiet żvela li l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti minimi għall-awtorizzazzjoni tal-metodi l-ġodda ta' gradazzjoni u għall-aġġornament tal-ekwazzjonijiet għall-metodi awtorizzati, kif stabbilit fil-Parti A tal-Anness V tar-Regolament Delegat (UE) 2017/1182, huma ssodisfati għal dawk ir-rikjesti kollha. Għalhekk, jenħtieġ li l-metodu l-ġdid ta' gradazzjoni u l-formoli l-ġodda jiġu awtorizzati fin-Netherlands.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1182 tal-20 ta' April 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-iskali tal-Unjoni għall-klassifikazzjoni ta' karkassi taċ-ċanga, tal-majjal u tan-nagħaġ u dwar ir-rapportar tal-prezzijiet tas-suq ta' ċerti kategoriji ta' karkassi u annimali ħajjin (ĠU L 171, 4.7.2017, p. 74, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2017/1182/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/303/UE tal-20 ta' Mejju 2011 li tawtorizza metodi għall-gradazzjoni tal-karkassi tal-majjali fin-Netherlands (ĠU L 136, 24.5.2011, p. 95, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2011/303/oj).

(7) Sakemm ma jkunux ġew awtorizzati b'mod espliċitu minn Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni, jenħtieġ li l-modifiki tal-metodi ta' gradazzjoni jew tal-apparati tagħhom ma jkunux permessi.

(8) Għal raġunijiet ta' ċarezza u ta' ċertezza legali, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/303/UE titħassar.

(9) Sabiex l-operaturi jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw għar-rekwiżiti tekniċi tal-introduzzjoni ta' apparati ġodda u ta' ekwazzjonijiet ġodda, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Jannar 2027.

(10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-użu tal-metodi ta' gradazzjoni li ġejjin huwa awtorizzat għall-valutazzjoni tal-kontenut tal-laħam dgħif tal-karkassi tal-majjali skont it-Taqsima B.IV, il-punt 1, tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fin-Netherlands:

(a) l-apparat "AutoFom IV" u l-metodi ta' valutazzjoni marbuta miegħu, li d-dettalji tagħhom jinsabu fil-Parti I tal-Anness;

(b) l-apparat "CSB Image-Meater 2.0" u l-metodi ta' valutazzjoni marbuta miegħu, li d-dettalji tagħhom jinsabu fil-Parti II tal-Anness;

(c) l-apparat "Fat-O-Meat'er II (FOM II)" u l-metodi ta' valutazzjoni marbuta miegħu, li d-dettalji tagħhom jinsabu fil-Parti III tal-Anness;

(d) l-apparat "Capteur Gras Maigre (CGM)" u l-metodi ta' valutazzjoni marbuta miegħu, li d-dettalji tagħhom jinsabu fil-Parti IV tal-Anness.

Artikolu 2

Il-modifiki tal-metodi ta' gradazzjoni awtorizzati jew tal-apparati tagħhom imsemmija fl-Artikolu 1 għandhom jiġu awtorizzati b'Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni.

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/303/UE hija mħassra.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tan-Netherlands.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2027.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Lulju 2026.

Għall-Kummissjoni
Christophe HANSEN
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

METODI TA' GRADAZZJONI GĦALL-KLASSIFIKAZZJONI TAL-KARKASSI TAL-MAJJALI FIN-NETHERLANDS

PARTI I

AutoFOM IV

(1) Ir-regoli previsti f'din il-Parti għandhom japplikaw meta l-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali ssir permezz tal-apparat "AutoFOM IV".

(2) L-apparat jikkonsisti f'25 transducer ultrasoniku b'banda wiesgħa (Frontmatec A/S), b'distanza operattiva bejn it-transducers ta' 16,5 mm. Id-data ultrasonika tinkludi kejl tal-ħxuna tax-xaħam dorsali, tal-ħxuna tal-muskolu u tal-parametri relatati. Ir-riżultati tal-kejl għandhom jiġu kkonvertiti fi stimi tal-perċentwal ta' laħam dgħif bl-użu ta' kompjuter.

(3) Il-kontenut tal-laħam dgħif tal-karkassa għandu jiġi kkalkulat f'konformità mal-formola li ġejja:

$$Y = 64{,}48671 - 0{,}37519 \times R2P4 - 0{,}34035 \times R2P10 + 0{,}03625 \times R3P9,$$

Fejn:

Y = il-perċentwal stmat ta' laħam dgħif,

R2P4 = il-ħxuna tax-xaħam dorsali (il-ġilda mhux inkluża) f'millimetri, fil-pożizzjoni P2,

R2P10 = il-ħxuna minima tax-xaħam dorsali (il-ġilda mhux inkluża) f'millimetri fil-karkassa sħiħa (dan il-punt jiddefinixxi l-pożizzjoni MFT1),

R3P9 = il-ħxuna tal-lojn f'millimetri fil-pożizzjoni MFT1.

MFT tirreferi għall-pożizzjoni tal-ħxuna minima tax-xaħam (il-ġilda mhux inkluża). MFT1 tirreferi għall-ħxuna minima tax-xaħam fil-karkassa kollha u MFT2 tirreferi għall-ħxuna minima tax-xaħam fil-lojn l-eqreb tal-parti t'isfel tal-apparat. Il-pożizzjoni P2 hi 70 millimetru mis-sinsla fl-MFT2.

Din il-formola għandha tkun valida għall-karkassi li l-piż sħun tagħhom hu bejn 60 u 140 kg.

PARTI II

CSB Image-Meater 2.0

(1) Ir-regoli previsti f'din il-Parti għandhom japplikaw meta l-gradazzjoni tal-karkassi tal-majjali ssir permezz tal-metodu magħruf bħala "CSB Image-Meater 2.0".

(2) L-apparat CSB Image-Meater 2.0 (CSB-System SE) jikkonsisti fi żbarra ta' gwida dritta, kamera sewda/bajda b'angolu żgħir, 4 żbarri tad-dawl LED f'forma ta' rombu u PC għall-analiżi tal-immaġni. Il-varjabbli kollha tal-Image-Meater jitkejlu fil-linja tan-nofs fil-parti tal-perżut (madwar il-*musculus gluteus medius*). Ir-riżultati tal-kejl għandhom jiġu kkonvertiti fi stimi tal-perċentwal ta' laħam dgħif bl-użu ta' kompjuter.

(3) Il-kontenut tal-laħam dgħif tal-karkassa għandu jiġi kkalkulat f'konformità mal-formola li ġejja:

$$Y = 66{,}56517 - 0{,}18436 \times ZPF + 0{,}04177 \times ZPM - 0{,}14654 \times MF - 0{,}17818 \times V4F,$$

Fejn:

Y = il-perċentwal stmat ta' laħam dgħif,

ZPF = l-iżgħar ħxuna tax-xaħam (inkluż il-ġilda) f'millimetri fuq il-*musculus gluteus medius*,

ZPM = il-ħxuna tal-muskolu lumbari f'millimetri, imkejla bħala l-iqsar distanza mit-tarf ta' quddiem (kranjali) tal-*musculus gluteus medius* sat-tarf ta' fuq (dorsali) tal-kanal tal-ispina,

MF = il-ħxuna medja tax-xaħam f'millimetri tal-*musculus gluteus medius,*

V4F = il-ħxuna medja tax-xaħam (mm) 'il fuq mir-raba' vertebra.

Din il-formola għandha tkun valida għall-karkassi li l-piż sħun tagħhom hu bejn 60 u 140 kg.

PARTI III

Fat-O-Meat'er II (FOM II)

(1) Ir-regoli previsti f'din il-Parti għandhom japplikaw meta l-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali ssir permezz tal-apparat "Fat-O-Meat'er II (FOM II)".

(2) L-apparat FOM II (Frontmatec A/S) jikkonsisti f'element ta' sensur ottiku, apparat għall-kejl tal-fond u bord għall-kisba u l-analiżi tad-data flimkien ma' skrin.

(3) Il-kontenut tal-laħam dgħif tal-karkassa għandu jiġi kkalkulat f'konformità mal-formola li ġejja:

$$Y = 68{,}94293 - 0{,}80855 \times X_1 + 0{,}02912 \times X_2,$$

Fejn:

Y = il-perċentwal stmat ta' laħam dgħif,

X_1 = il-ħxuna tax-xaħam dorsali (inkluż il-ġilda) f'millimetri, imkejla b'mod perpendikulari 7 ċentimetri 'l bogħod mil-linja tan-nofs tal-karkassa fuq barra u 4 ċentimetri 'l bogħod mil-linja tan-nofs tal-karkassa fuq ġewwa, bejn it-tieni u t-tielet kustilji mill-aħħar,

X_2 = il-ħxuna tal-muskolu f'millimetri mkejla b'mod perpendikulari 7 ċentimetri 'l bogħod mil-linja tan-nofs tal-karkassa fuq barra u 4 ċentimetri 'l bogħod mil-linja tan-nofs tal-karkassa fuq ġewwa, bejn it-tieni u t-tielet kustilji mill-aħħar.

Din il-formola għandha tkun valida għall-karkassi li l-piż sħun tagħhom hu bejn 60 u 140 kg.

PARTI IV

"Capteur Gras Maigre (CGM)"

(1) Ir-regoli previsti f'din il-Parti għandhom japplikaw meta l-gradazzjoni tal-karkassi tal-majjali ssir permezz tal-metodu magħruf bħala "Capteur Gras Maigre (CGM)".

(2) L-apparat CGM (Fives Syleps) hu mgħammar b'sonda ta' 8 millimetri li tikkonsisti f'element ta' sensur ottiku, apparat tal-kejl tal-fond u bord għall-kisba u l-analiżi tad-data. Ir-riżultati tal-kejl jiġu kkonvertiti f'kontenut stmat ta' laħam dgħif permezz ta' kompjuter.

(3) Il-kontenut tal-laħam dgħif tal-karkassa għandu jiġi kkalkulat f'konformità mal-formola li ġejja:

$$Y = 69{,}14504 - 0{,}77025 \times X_1 + 0{,}00922 \times X_2$$

Fejn:

Y = il-perċentwal stmat ta' laħam dgħif,

X_1 = il-ħxuna tax-xaħam dorsali (inkluż il-ġilda) f'millimetri, imkejla b'mod perpendikulari 6 ċentimetri 'l bogħod mil-linja tan-nofs tal-karkassa fuq barra u 2,5 ċentimetri 'l bogħod mil-linja tan-nofs tal-karkassa fuq ġewwa, bejn it-tielet u r-raba' kustilji mill-aħħar,

X_2 = il-ħxuna tal-muskolu f'millimetri mkejla b'mod perpendikulari 6 ċentimetri 'l bogħod mil-linja tan-nofs tal-karkassa fuq barra u 2,5 ċentimetri 'l bogħod mil-linja tan-nofs tal-karkassa fuq ġewwa, bejn it-tielet u r-raba' kustilji mill-aħħar.

Din il-formola għandha tkun valida għall-karkassi li l-piż sħun tagħhom hu bejn 60 u 140 kg.